MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 82/1998/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Peter Agius**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih il-Korporazzjoni attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess Korporazzoni s-somma ta' tlett mija u hamsa u erbghin lira u disa u ghoxrin centezmu (Lm345.29) rappresentanti danni sofferti mill-istess Korporazzjoni Enemalta bhala konsegwenza ta' hsarat kawzati mill-istess konvenut fuq propjeta' tal-istess Korporazzjoni Enemalta f'Naxxar Alley, Iklin fil-25 ta' Mejju 1996 liema hsarat graw unikament minhabba mperizja u traskuragni da parti tal-istess konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Ottubru 1997 u bl-interessi mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha eccepixxa:

1. Illi hu ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-hsarat imsemmijin fl-avviz, u ghalhekk it-talbiet kontenuti fl-istess avviz, ghandhom jigu michudin bl-ispejjez.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mir-rapport (fol 19 u 20 ibid) esebit in atti minn PS 777 Joseph Zammit (fol 17 u 18 ibid) fil-25 ta' Mejju 1996 ghall-habta tas-2.30p.m., il-Pulizija fl-Ghassa tan-Naxxar kienu gew infurmati minn Norman Gera residenti f'Triq ix-Xwieki, Naxxar li persuna li kienet qed thammel ghalqa, vicin ir-residenza tieghu, bil-gaffa, probabilment laqtet arblu tad-dawl temporaneo u qaccat il-"wire" tad-dawl b'riskju u b'periklu ghan-nies. Filfatt, fl-istess rapport jinghad li impjegati tal-Korporazzjoni attrici kienu sabu zewg arbli "imxaqilba" bil-"wire" maqlugh minn postu. Inoltre, mill-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija, "instab li minn kien qed jsuq il-gaffa kien Pietru Agius". Dan, meta mistoqsi dwar dan l-incident, kien cahad li kien hu li kkaguna l-hsara kif hawn fuq deskritta. Anzi kien stqarr li, meta kien qed jhammel, il-"wire" kien di gja mdendel.

Illi l-imsemmi Norman Gera (fol 24 et seq ibid) wara li qal li ma setax jiftakar "ezattament x'gara", xehed li seta' jiftakar li kien ghamel l-imsemmi rapport lill-Pulizija dwar "truck li laqat xi arblu". Hu ma kienx ra l-incident izda "Nifakar li kien hemm "truck wiehed biss" li kien qed jahdem fl-"area" fejn kienu qed jinbdew diversi djar" minghajr ma seta' jghid ta' minn kien jew minn kien qed jsuqu.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-hsarat kagunati f'dan l-incident issir referenza ghax-xhieda ta' Victor Cini (a fol 11 et seq ibid) u ta' Silvio Decelis (a fol 25 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi meta xehed il-konvenut (fol 33 u 38 et seq ibid) dan spjega li kien gie inkarigat minn Mario Spiteri sabiex titnehha hamrija u titpogga mal-hajt tal-propjeta ta' dan. Sabiex jesegwixxi dan ix-xoghol, kellu juza gaffa. L-ghada li kien ha dan l-ingenju fuq il-post, hu kien rega gie hawnhekk sabiex "nara kif ser jahdem"u kien innota li kien hemm mghawweg arblu tad-dawl li kien jinsab f'ghalqa ohra f'distanza ta' madwar mitejn pied. Meta ra hekk, hu kien mar jaghmel xoghol iehor bl-uzu ta' "JCB" madwar zewg mili l-boghod.

Ghalhekk, hu jsostni "li meta ntmess l-arblu jiena kont qed naghmel xoghol iehor …. b"JCB" f'post iehor ….." Difatti hu irribadixxa li ma kienx laqat xi arblu li kien jinstab f'ghalqa "li ma nafx ta' minn hi" u li "tmiss mat-triq" bl-arblu in kwistjoni madwar mitt pied boghod mill-istess triq" (ara ukol ix-xhieda ta' Mario Spiteri, gja msemmi, a fol 36 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, a basi tal-provi kif sintetizzati, l-Korporazzjoni attrici riedet tikkonvinci din il-Qorti li l-konvenut ikkaguna l-hsara kif deskritta minhabba "imperizja u traskuragni da parti tal-istess konvenut". In rigward dan, pero' ghandu jinghad is-segwenti.

a) Norman Gera ma kienx ra l-incident in esami jsir. Pero hu qal li kien ra "truck" qed jigi uzat fil-lokalita' in kwistjoni fejn kienu qed jinbnew diversi djar.

b) Ma ingieb xejn a konjizzjoni ta’ din il-Qorti sabiex jservi ta’ basi ghaliex jinghad fir-rapport tal-Pulizija illi “instab illi minn kien qed jsuq il-gaffa kien Pietru Agius”.

c) Il-konvenut, konsistentement innega li kien ikkaguna l-hsara in kwistjoni.

Illi, ghalhekk, a basi ta’ dak li ghadu kemm inghad, din il-Qorti ma hiex konvinta illi, effettivament il-konvenut ikkaguna l-istess hsara, kif hawn allegat fl-istess avviz in esami.

Ghal dawn il-motivi, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess Korporazzjoni attrici.

Alan Calleja
Deputat Registratur